**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Mejju 2002**

**Numru 30**

**Avviz numru 1435/01**

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**vs**

**Martin Tonna**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' Lm77.82 (seba u sebghin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmu) dovuta lis-socjeta attrici bhala bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament kkonsenjata lilu.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjes legali, komprizi dawk ta' l-ittra bonarja datat 3 ta' Ottubru 2001, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

Illi s-socjeta' attrici trid l-ewwelnett tipprova t-talbiet taghha kif esposti fil-kawza odjerna fil-konfront tal-konvenut fosthom billi tipprovdi l-invoices relattivi ghat-talbiet tal-istess socjeta'.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma kellu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici fis-sena 2001 kif hu ndikat fuq l-avviz tat-talba, u dunque l-konvenut jitlob il-liberatorja.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Sema ix-xhieda u ezamina id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi l-kaz in ezami si tratta ta' talba ghal hlas ta' merci konsenjati u mibjugha izda baqghu ma thallsux. Is-socjeta attrici ipproduciet il-fatturi relattivi u xehed ukoll Marvin Sapiano il-persuna addett mill-pagamenti. Kif hemm tajjeb qal fix-xhieda

tieghu fis-seduta tat-23 ta‘ April, 2002 li kieku hallas, kien ikollu ricevuta apposita.

Huma principji bazitari tas-sistema guridiku malti li minn jallega pagament ossia mhux debitur, irid jipprova li l-istess hlas effettivament sar lil kreditur tieghu. L-istess konvenut stqarr li kien gie moghti kont ta’ terzi, pero dan Sapiano rega’ spjega li kien gie moghti wkoll fatturi mhallsa pero’ Sapiano rega spjega li kienu jmorru hames (5) salesman ghand l-konvenut. Il-konvenut stqarr ukoll li kellu xi freezer u damaged refused pero dan irrizulta li gew kalkolati u mehuda in konsiderazzjoni.

Jirrizulta ampjament li mhux talli l-konvenut ma irnexxilhux jipprova li l-ammont mitlub mill-attur mhux talli ma gewx imhallsin izda li l-istess socjeta attrici ippruvat li l-bilanc minnha rikjest ghadu ma thallas. Lanqas il-konvenut allega li l-oggetti huwa ma hadhomx.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm77.82 (seba u sebghin liri Maltin u tnejn u tmenin centezmu) bilanc ta’ somma akbar prezz ta’ merkanzija lilu mibjugha u konsenjata.

B-ispejjes u bl-interessi kif mitluba kontra l-konvenuti.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**